# Żewġ Anniversarji

Grazio A. Grech

***L-Innu - 65 Sena***

Din is-sena jaħbat għeluq is-65 sena miż-żanżin tal-Innu *'La Natività di San Giovanni Battista'*, kompożizzjoni mużikali ta' Mro Indrì Borg (1885-1971), fundatur u l-ewwel surmast-direttur tal-Banda *Prekursur* tax-Xewkija. Dan l-innu għandu l-lirika bit-Taljan tas-Sur Giuseppe S. Cutajar (1906-1972).

Sa mill-1930 insibu s-sehem attiv tal-banda *Prekursur* fil-festa ta' San Ġwann Battista, titular tal-knisja Parrokkjali u Arċipretali tax-Xewkija. F'dan ir-raħal insibu erba' innijiet immużikati minn Mro Indrì Borg li għandhom il-lirika tagħhom ta' Giuseppe S. Cutajar. Tnejn minn dawn l-innijiet iżżanżnu fl-1931 u jġibu l-isem ta'; wieħed *'O Kbir Prekursur'*, li l-lirika tiegħu hi bil-Malti, u l-ieħor *'Inno Decollazione di SanGiovanni Battista',* li l-versi tiegħu huma bit-Taljan. Iż-żewġ innijiet l-oħra huma, *'Sul Calvario'* u *'InnoGrandioso Per La Natività di San Giovanni Battista'*, li għandhom il-kliem bit-Taljan. Mro Borg tħallas is-somma ta' £40 (£1=€2.33) talli kkompona dan l-aħħar innu.

L-Innu *'La Natività di San Giovanni Battista'*, ġie mżanżan fl-1950, jiġifieri 65 sena ilu, meta l-banda *Prekursur* ma kinitx wieqfa u għalhekk indaqq minn banda oħra. Kien fil-festa tal-Battista tas-sena 1970, meta l-banda *Prekursur*, kienet taħt it-tmexxija ta' Mro Ġużeppi Farrugia, li din il-banda esegwiet għall-ewwel darba dan l-innu u għadha tagħmel hekk sal-lum.

Tliet irħula oħra Għawdxin li gawdew mill-pinna ta' Giuseppe Cutajar huma, Ta' Kerċem, iż-Żebbuġ, u l-Qala. Hu biss l-innu tal-Qala, li bħax-Xewkija, il-mużika tal-Innu, *A San Giuseppe*, ġie kompost wkoll minn Mro I. Borg.

Mro Indrì Borg tħarreġ fl-arti mużikali taħt Mons. Ġużeppi Farrugia (*tal-Vers*) u Mro Giovanni Giumarra. Hu twieled fl-1885, 130 sena ilu.

***L-Istatwa titulari - 170 Sena***

It-tieni anniversaru jikkonċerna l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista. L-istatwa artistika ta' San



*L-istatwa ta' San Ġwann Battista, Xewkija (Fotografija ta' Anthony Grech)*

Ġwann Batista, xogħol skolpit minn zokk ta' siġra tat-tut, minn Pietru Pawl Azzopardi mill-Belt Valletta. Jidher ċar li l-iskultur kien ispirat mill-pittura tal-kwadru titulari ta' din il-parroċċa, meta ġie biex jagħmel l-istatwa titulari. Kien fi żmien il-parrokkat tal-Kappillan Dun Nikol Vella meta din l-istatwa ġiet ordnata. Nafu li fis-sena 1844 kienet ġa lesta. Iżda kien nhar it-22 ta' Ġunju, 1845, jumejn qabel il-festa tiegħu, għax dak iż-żmiem il-festa kienet tiġi ċċelebrata fil-jum propju tagħħa, nhar l-24 ta' Ġunju, li din l-istatwa nġabet f'Għawdex.

It-translazzjoni bl-istatwa ta' San Ġwann Battista saret mill-knisja tal-Madonna tal-Ħniena, li wkoll tinsab fil-limiti tax-Xewkija, għall-knisja Parrokkjali u fiha ħadu sehem, il-kappillan, il-kleru u l-poplu tax-Xewkija u oħrajn. Matul din it-translazzjoni ndaqqu l-qniepen tal-parroċċa kif ukoll ġew sparati l-maskli u ħadet sehem ukoll banda.

Il-pedistall u l-bankun li fuqu titpoġġa l-istatwa tal-Battista saru fis-sena 1889 minn Pawlu Bugeja. Ta' min jgħid li għall-ewwel l-istatwa kienet tiġi merfugħa mill-gabilotti, wara minn xi baħrin, waqt li llum tieħu ħsiebha l-fratellanza ta' San Ġwann. Din il-fratellanza twaqqfet fis-sena 1864, u l-fratelli tagħha flimkien mal-fratelli tal-fratellanzi tas-Sagrament u dik tal-Madonna tar-Rużarju, jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Battista.

Mir-reġistru tal-eżitu nafu li fis-sena 1854 l-istatwa ta' San Ġwann Battista kienet reġgħet inżebħet u għal dan il-għan tħallset is-somma ta' tmintax-il skut, (skut=€0.194) *"...per nuova tintatura della statua di San Giovanni Battista ...sc 18'.* Darba oħra li din l-istatwa ġiet miżbugħa kien fis-sena 1943 mill-pittur Ġużeppi Briffa u l-ispiża telgħet għal £20. Fl-1949 ġew inżanżna erba' važuni tal-fidda għal madwar il-pedistall ta' San Ġwann, waqt li fl-1961 f'ras l-istatwa ta' San Ġwann tpoġġiet dijadema tad-deheb.

